# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 2 ta' Ottubru 2019**

**Talba Numru 12/2019SFJ**

***Argus Insurance Agencies Limited (C597)***
***għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera***
***Argus Insurance Company (Europe) Limited***

***vs.***

***Keith Attard u Philisianne Attard***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi nomine ippremettiet u talbet:

- Illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBO625, assikurata mis-soċjetà attriċi mill-konvenut Keith Attard kienet involuta f'inċident awtomobilistiku fis-7 ta' Lulju 2014 fi Pjazza Robert Samut, Floriana. Fil-mument tal-inċident, il-vettura kienet misjuqa mill-konvenuta Philisianne Attard.

- Illi skont il-*lodo* arbitrali fl-ismijiet *Atlas Insurance PCC Limited et vs. Philisianne Attard* (M4930/2016), l-inċident relattiv seħħ unikament b'tort tal-konvenuta Philisianne Attard u s-soċjetà attriċi kienet ħallset lit-terz skont dokument "A" anness mal-Avviż tat-Talba.

- Illi l-konvenuti jew min minnhom naqsu mill-obbligi tagħhom skont il-polza tal-assikurazzjoni relattiva kif ukoll skont il-liġi peress li la fetħu *claim* u lanqas ħallsu l-*excess payment* dovut minnhom nonostante li ġew debitament interpellati sabiex iwettqu dawn l-obbligi tagħhom permezz tal-ittra uffiċjali numru 2199/16 (dokument "B" anness).

- Illi għalhekk, is-soċjetà attriċi għandha d-dritt tirkupra l-ammont ta' tlett elef u mitejn u tmenin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€3,280.25) rappreżentanti d-danni u l-ispejjeż imħallsa lit-terz skont il-*lodo* relattiv.

- Għaldaqstant, it-Tribunal huwa mitlub:

    - jiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom naqsu mill-obbligi tagħhom skont il-polza tal-assikurazzjoni relattiva kif ukoll skont il-liġi peress li la fetħu *claim* u lanqas ħallsu l-*excess payment* dovut; u

    - Konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu s-somma ta' tlett elef u mitejn u tmenin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€3,280.25) jew somma oħra verjuri.

- Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 2188/16 u l-ittra uffiċali (taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) bin-numru 1207/18 (dokument "C") u bl-imgħaxijiet mid-data tal-ittra uffiċjali sad-data tal-ħlas effettiv.

Ra s-segwenti dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba:

- Kopja ta' ittra bonarja datata 1 ta' Diċembru 2017 li permezz tagħha ntalab il-ħlas tal-ammont mitlub permezz ta' din l-azzjoni (fol. 4);

- Kopja tal-*lodo* arbitrali mogħti nhar it-28 ta' Novembru 2017 kif ukoll it-taxxa relattiva (fol. 5 sa 9);

- Kopja ta' taxxa relattivament għall-ittra uffiċjali 1696/16 fl-ismijiet *Atlas Insurance PCC Limited noe et vs. Philisianne Attard et* (fol. 10);

- Kopja ta' taxxa relattivament għall-ittra uffiċjali 3108/16 fl-ismijiet *Atlas Insurance PCC Limited noe et vs. Argus Insurance Agencies Limited noe* (fol. 11);

- *Statement* maħruġ minn Argus Insurance Agencies Limited nhar it-22 ta' Mejju 2018 li jindika l-ammont ta' €3,250.75 (fol. 12);

- Kopja ta' ittra uffiċjali (mingħajr numru, mingħajr data u mingħajr prova li ġiet ippreżentata) fl-ismijiet *Argue Insurance Agencies Limited noe vs. Keith Attard u Philisianne Attard* (fol. 13); u

- Kopja ta' ittra uffiċjali (taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) iżda li n-numru assenjat tagħha ma jidhirx (fol. 14 u 15).

Ra li l-konvenuta Philisianne Attard ġiet innotifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ fis-17 ta' Mejju 2019 kif jidher minn riferta pożittiva li tinsab a fol. 23.

Ra li l-konvenut Keith Attard ġie innotifikat permezz tal-proċedura tal-affissjoni fl-24 ta' Mejju 2019 kif jidher mir-riferti a fol. 25.

Ra l-estratt tal-Gazzetta tal-Gvern a fol. 26 u 27.

Ra li fil-11 ta' Ġunju 2019, is-soċjetà attriċi ippreżentat nota li permezz tagħha ippreżentat kopja tal-paġna numru 4 tal-ħarġa tal-gazzetta lokali *The Malta Independent* tal-11 ta' Ġunju 2019 stess.

Ra li fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2019 is-soċjetà attriċi ippreżentat kapitolu għas-subizzjoni taż-żewġ konvenuti.

Ra fl-istess udjenza li għalkemm kien għadda t-terminu għar-Risposta, il-konvenuti baqgħu ma ppreżentaw ebda Risposta u lanqas għamlu xi sottomissjoni kwalsiasi.

Ra li l-konvenuti ma dehru għal ebda waħda mis-seduti miżmuma.

Ra li fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2019, il-konvenuti reġgħu ma dehrux.

Ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Ikkunsidra li l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Illi *siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

It-Tribunal josserva li fl-Avviż tat-Talba, is-soċjetà attriċi nomine irreferiet għall-ittra uffiċjali 2199/16 u għall-ittra uffiċjali (Art. 166A) 1207/18. Madankollu, it-taxxi ippreżentati jappartjenu għal ittri uffiċjali kompletament differenti, jiġifieri ittri uffiċjali 1696/16 u 3108/16. Hemm ukoll prova li ġiet ippreżentata xi ittra uffiċjali *ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap. 12 (a fol. 14), iżda n-numru ta' din l-ittra uffiċjali mhux magħruf. Għalkemm in-numru tal-ittra uffiċjali (166A) mhux magħruf, huwa evidenti li din ġiet ippreżentata fit-22 ta' Ġunju 2018 u li l-istess ittra uffiċjali hija fl-ismijiet premessi. Għalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-interessi għandhom jibdew jiddekorru mit-22 ta' Ġunju 2018.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li t-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u jqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi nomine s-somma ta' tlett elef u mitejn u tmenin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€3,280.25).

It-Tribunal jiċħad il-partijiet tal-Avviż tat-Talba fejn intalab il-ħlas tal-ispejjeż relattivament għal xi ittri uffiċjali.

It-Tribunal jordna li l-interessi mitluba mis-soċjetà attriċi nomine jibdew jiddekorru mit-22 ta' Ġunju 2018.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**